II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-23 ta' Ġunju 2008**

**dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Konvenzjoni tat-23 ta' Lulju 1990 dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja in konnessjoni ma' l-aġġustament tal-qligħ ta' intrapriżi assoċjati**

(2008/492/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2005, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkommandazzjoni mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni 90/436/KEE tat-23 ta' Lulju 1990, dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja in konnessjoni ma' l-aġġustament tal-qligħ ta' intrapriżi assoċjati ([1]) (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ") ġiet iffirmata fi Brussell fit-23 ta' Lulju 1990 u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.

(2) Il-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ ġiet emendata bi Protokoll ([2]) iffirmat fil-25 ta' Mejju 1999 u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2004, il-Konvenzjoni tal-21 ta' Diċembru 1995 ([3]) iffirmata fil-21 ta' Diċembru 1995, u l-Konvenzjoni tat-8 ta' Diċembru 2004 ([4]) ffirmata fit-8 ta' Diċembru 2004.

(3) L-Artikolu 3(3) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2005 jipprevedi li l-Bulgarija u r-Rumanija jissieħbu mal-konvenzjonijiet u l-protokolli konklużi bejn l-Istati Membri elenkati fl-Anness I għall-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005. Dak l-Anness, kif supplimentat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/493/KE tat-23 ta' Ġunju 2008 ([5]) li temenda l-Anness I ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, jinkludi l-Konvenzjoni ta' Aribitraġġ, il-Protokoll iffirmat fil-25 ta' Mejju 1999, il-Konvenzjoni tal-21 ta' Diċembru 1995 u l-Konvenzjoni tat-8 ta' Diċembru 2004. Dawn għandhom jidħlu fis-seħħ għall-Bulgarija u r-Rumanija fid-data stabbilita mill-Kunsill.

(4) Skond l-Artikolu 3(4) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005, il-Kunsill għandu jagħmel l-aġġustamenti kollha meħtieġa minħabba l-adeżjoni ma' dawk il-Konvenzjonijiet u l-Protokolli,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ hija b'dan emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2(2), il-punti (a) sa (y) għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"(i) fil-Belġju:

(a) impôt des personnes physiques/personenbelasting

([1]) ĠU L 225, 20.8.1990, p. 10.
([2]) ĠU C 202, 16.7.1999, p. 1.
([3]) ĠU C 26, 31.1.1996, p. 1.
([4]) ĠU C 160, 30.6.2005, p. 1.
([5]) Ara p. 6 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(b) impôt des sociétés/vennootschapsbelasting

(c) impôt des personnes morales/rechtspersonenbelasting

(d) impôt des non-résidents/belasting der nietverblijfhouders

(e) taxe communale et la taxe d'agglomération additionnelles à l'impôt des personnes physiques/aanvullende gemeentebelasting en agglomeratiebelasting op de personenbelasting

(ii) fil-Bulgarija:

(a) данък върху доходите на физическите лица

(b) корпоративен данък

(iii) fir-Repubblika Ċeka:

(a) daň z příjmů fyzických osob

(b) daň z příjmů právnických osob

(iv) fid-Danimarka:

(a) indkomstskat til staten

(b) den kommunale indkomstskat

(c) den amtskommunale indkomstskat

(v) fil-Ġermanja:

(a) Einkommensteuer

(b) Koerperschaftsteuer

(c) Gewerbesteuer, safejn din it-taxxa tkun ibbażata fuq qligħ min-negozju

(vi) fl-Estonja:

(a) tulumaks

(vii) fl-Irlanda:

(a) Cáin Ioncaim

(b) Cáin Chorparáide

(viii) fil-Greċja:

(a) φόρος εισοδήματος φυσικών προσώπων

(b) φόρος εισοδήματος νομικών προσώπων

(c) εισφορά υπέρ των επιχειρήσεων ύδρευσης και αποχέτευσης

(ix) fi Spanja:

(a) Impuesto sobre la Renta de las Personas Físicas

(b) Impuesto sobre Sociedades

(c) Impuesto sobre la Renta de no Residentes

(x) fi Franza:

(a) impôt sur le revenu

(b) impôt sur les sociétés

(xi) fl-Italja:

(a) imposta sul reddito delle persone fisiche

(b) imposta sul reddito delle società

(c) imposta regionale sulle attività produttive

(xii) f'Ċipru:

(a) Φόρος Εισοδήματος

(b) Έκτακτη Εισφορά για την Άμυνα της Δημοκρατίας

(xiii) fil-Latvja:

(a) uzņēmumu ienākuma nodoklis

(b) iedzīvotāju ienākuma nodoklis

(xiv) fil-Litwanja:

(a) Gyventojų pajamų mokestis

(b) Pelno mokestis

(xv) fil-Lussemburgu:

(a) impôt sur le revenu des personnes physiques

(b) impôt sur le revenu des collectivités

(c) impôt commercial, safejn din it-taxxa tkun ibbażata fuq qligħ min-negozju

(xvi) fl-Ungerija:

(a) személyi jövedelemadó

(b) társasági adó

(c) osztalékadó

(xvii) f'Malta:

(a) taxxa fuq l-income

(xviii) fl-Olanda:

(a) inkomstenbelasting

(b) vennootschapsbelasting

(xix) fl-Awstrija:

(a) Einkommensteuer

(b) Körperschaftsteuer

(xx) fil-Polonja:

(a) podatek dochodowy od osób fizycznych

(b) podatek dochodowy od osób prawnych

(xxi) fil-Portugall:

(a) imposto sobre o rendimento das pessoas singulares

(b) imposto sobre o rendimento das pessoas colectivas

(c) derrama para os municípios sobre o imposto sobre o rendimento das pessoas colectivas

(xxii) fir-Rumanija:

(a) impozitul pe venit

(b) impozitul pe profit

(c) impozitul pe veniturile obținute din România de nerezidenți

(xxiii) fis-Slovenja:

(a) dohodnina

(b) davek od dobička pravnih oseb

(xxiv) fis-Slovakkja:

(a) daň z príjmov právnických osôb

(b) daň z príjmov fyzických osôb

(xxv) fil-Finlandja:

(a) valtion tuloverot/de statliga inkomstskatterna

(b) yhteisöjen tulovero/inkomstskatten för samfund

(c) kunnallisvero/kommunalskatten

(d) kirkollisvero/kyrkoskatten

(e) korkotulon lähdevero/källskatten å ränteinkomst

(f) rajoitetusti verovelvollisen lähdevero/källskatten för begränsat skattskyldig

(xxvi) fl-Iżvezja:

(a) statlig inkomstskatt

(b) kupongskatt

(c) kommunal inkomstskatt

(xxvii) fir-Renju Unit:

(a) Income Tax

(b) Corporation Tax."

(2) Fl-Artikolu 3(1) għandhom jiżdiedu l-inċiżi li ġejjin:

"— fil-Bulgarija:

Министъра на финансите или негов упълномощен представител,

— fir-Rumanija:

Președintele Agenției Naționale de Administrare Fiscală sau un reprezentant autorizat."

*Artikolu 2*

1. It-testi tal-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ u tal-Protokoll tal-25 ta' Mejju 1999, flimkien mal-Konvenzjonijiet tal-21 ta' Diċembru 1995 u tat-8 ta' Diċembru 2004, imfasslin fil-lingwa Bulgara u dik Rumena (1) għandhom ikunu awtentiċi skond l-istess kondizzjonijiet bħall-verżjonijiet lingwistiċi l-oħrajn ta' dawn il-Konvenzjonijiet u l-Protokoll.

*Artikolu 3*

Il-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ, u l-Protokoll tal-25 ta' Mejju 1999, flimkien mall-Konvenzjonijiet tal-21 ta' Diċembru 1995 u tat-8 ta' Diċembru 2004, għandhom jidħlu fis-seħħ fir-rigward tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-1 ta' Lulju 2008.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fl-1 ta' Lulju 2008.

Magħmul fil-Lussemburgu, 23 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

I. JARC

(1) It-test Bulgaru u dak Rumen tal-Konvenzjonijiet u l-Protokoll għandu jiġi ppubblikat f'edizzjoni speċjali tal-ĠU f'data aktar tard.

## DIKJARAZZJONIJIET UNILATERALI DWAR IL-KONVENZJONI TAT-23 TA' LULJU 1990 DWAR L-ELIMINAZZJONI TAT-TASSAZZJONI DOPPJA IN KONNESSJONI MA' L-AĠĠUSTAMENT TAL-PROFITTI TA' INTRAPRIŻI ASSOĊJATI

Dikjarazzjonijiet Unilaterali dwar l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni dwar l-eliminazzjoni tat-tassazzjoni doppja in konnessjoni ma' l-aġġustament tal-profitti ta' intrapriżi assoċjati:

L-Italja, il-Litwanja u Malta jiddikjaraw li huma ser japplikaw l-Artikolu 7(3).

Dikjarazzjonijiet Unilaterali dwar l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni dwar l-eliminazzjoni tat-tassazzjoni doppja in konnessjoni ma' l-aġġustament tal-profitti ta' intrapriżi assoċjati:

*Dikjarazzjoni mill-Bulgarija:*

It-terminu "pieni serji" ifisser pieni ta' kull tip, imposti għal azzjonijiet li jikkostitwixxu ksur amministrattiv jew tal-liġi tat-taxxa, inkluż ksur tal-liġi proċedurali li tikkonċerna l-istima tat-taxxa u l-ġbir tat-taxxa, kif ukoll għal reati kontra s-sistema tat-taxxa. "Pieni serji" imposti fuq l-intrapriża huma wkoll meqjusa li jeżistu meta l-pieni huma imposti fuq individwu għal reati mwettqa kontra s-sistema tat-taxxa minn dik l-intrapriża li l-azzjonijiet tagħha jkunu influwenzaw l-ammont tar-responsabbiltà tat-taxxa ta' l-intrapriża jew il-ġbir ta' din.

*Dikjarazzjoni mir-Rumanija:*

It-terminu "piena serja" jinkludi t-twettiq ta' kwalunkwe att kriminali previst mil-liġi dwar l-evażjoni tat-taxxa jew il-liġi dwar il-kontabilità jew il-liġi tal-kumpanniji jew il-leġislazzjoni tat-taxxa. Huwa jinkludi wkoll pieni amministrattivi fir-rigward ta':

— ir-rifjut li jiġu ppreżentati r-rendikonti tat-taxxa (id-dikjarazzjonijiet) jew ir-rendikonti informattivi fuq talba tal-korpi tat-taxxa;

— ir-rifjut li jiġu pprovduti d-dokumenti u r-rekords mitluba mill-awtoritajiet ta' l-inspezzjoni tat-taxxa,

— in-nuqqas ta' preżentazzjoni tad-dokumenti finanzjarji perjodiċi u r-rapporti tal-kontabilità jew, il-preżentazzjoni ta' tali dokumenti jew rapporti li jinkludu data inkorretta,

— azzjonijiet inklużi fir-rekord tat-taxxa, skond il-leġislazzjoni fis-seħħ.

*Dikjarazzjoni mir-Repubblika Slovakka:*

It-terminu "piena serja" jfisser piena imposta skond il-Kodiċi Kriminali għal reati kriminali kommessi fir-rigward tal-ksur tal-liġijiet tat-taxxa pertinenti, l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa jew l-Att dwar il-Kontabilità.

*Dikjarazzjoni mir-Renju ta' Spanja:*

"Pieni serji" għandhom jinkludu pieni amministrattivi għal ksur serju u serju ħafna tal-liġi tat-taxxa, kif ukoll sentenzi għal reati li jaffettwaw il-finanzi pubbliċi.